MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2004

Numru 409/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Jean Claude Cassar.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet magħmula kontra Jean Claude Cassar ta' 28 sena, iben Carmel u Victoria nee Cilia imwieled San Ġiljan fit-2 ta' Novembru, 1974 u li joqgħod Flat 1 Beverly Flats, Triq iċ-Ċagħaq San Pawl il-Baħar li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 528374 (M)

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn il-15 u 16 ta' Marzu, 2003 f'San Pawl il-Baħar

1. Ikkommetta serq ta’ cigarette vending machine mimlija b’assortiment ta’ sigaretti u xi flus li b’kollox jammontaw għal madwar elfejn mija u tmenin lira Maltija (Lm2180) liema serq hu aggravat bil-mezz (artikolu 263(a), valur (267) u ħin (art.270) tal-Kap 9 għad-dannu tas-Soċjeta’ Central Cigarettes Company Limited;
2. Xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa meħuqa b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indħalt sabiex tbiegħhom jew tmexxihom u dan ai termini ta’ l-artikolu 334 tal-Kap 9;
3. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew xort oħra għarraqt cigarette vending machine numru tas-serje 73351 liema ħsara tammonta għal elf u erba’ mitt lira Maltija (Lm1400) għad-dannu tas-Soċjeta’ Central Cigarette Company Limited (art.325(1)(a) tal-Kap 9;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex titratta ma’ Jean Claude Cassar talli huwa reċidiv b’divcersi sentenzi definittivi tal-Qrati Maltin datati 2 ta’ Settembru, 1992; 17 ta’ Marzu, 1993; 19 ta’ Frar, 1997; 24 t’Ottubru. 1997; 6 ta’ Marzu, 1998; 16 ta’ Marzu, 2001 liema sentenzi ma jistgħux jiġu mibdula.

Rati l-atti kollha f’dawn il-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament,

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Ġenerali tas-26 t’Awwissu 2003 fejn iddeċieda li jibgħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati Malti bħala Qorti ta’ Ġudkatura Kriminali billi jidhirlu li fil-kumpilazzjoni imsemmija tista’ tinstab ħtija taħt dawk li hemm maħsub:

(a) fl-artikoli 261 (b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
(c) Fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
(d) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li meta fl-1 ta' Marzu, 2004 inqraw dawn iċ-charges, l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-proċeduri jkunu sommarji.

Fl-istess data l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet fir-rigward u limitatament it-334 u 325 u t-325 limitatament għall-ħsara li huwa għamel.

Il-Qorti semgħet ukoll it-trattazzjoni. Id-difiża ssottomettiet li dan kien aktar 'theft by finding' u li l-imputat mhux resposnabbli tal-ħsara kif deskritta fiċ-charge għaliex ma ienx stabbilit sa fejn għamel il-ħsara hu u fejn din saret minn ħadd ieħor.

**Il-Fatti**

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu, 2003, l-imputat kien mar mat-tfajla permezz tal-karozza HAK-162 ħdejn is-substation ta' l-EneMalta tal-Qawra f'parking area daqsxejnimwarrba. Kif mar hemm ra xi żgħażagħ jaħarbu minn fuq il-post. Kif mar jiċċekkja ra l-kaxxa tas-sigaretti hemm hekk mitluqa fil-parking area. Kien fiha xi ħsarat. Meta raha, qabad u għabbiha u ħadha d-dar fejn hemmhekk kompla jisgassaha biex jieħu s-sigaretti minnha. (Ara paġina 19 tal-proċess – xhieda ta' l-Ispettur Joseph Mercieca). Din il-verżjoni tal-fatti hija rispekkjata fl-istqarrija ta' l-imputat. (paġni 23 – 25)

Meta l-Uffiċjal tas-Central Cigarette Company Limited, il-proprjetarji tal-kaxxa ts-sigaretti in kwistjoni ma setgħux jiftħu l-kaxxa allura bilfors kellhom jisgassaw u sabu 56 pakkett tas-sigaretti nieqsa u xi L8.70m neqsin. (paġina 19).

Skond ix-xhieda tas-Sur Alfred Ferro (paġna 38 et), il-magna tiswa Lm1,400 lira waqt li fil-magna nstabu sigaretti b'valur ta' Lm655 u kien hemm Lm70 bħala valur tas-sigaretti.

**Punti ta' Liġi.**

Id-difensur abbli ta' l-imputat issottometta li wieħed hawn ma jistaqx jitkellem dwar serq għaliex il-magna tas-sigaretti nstabet barra mill-imputat wara li kien seraqha xi ħadd ieħor minn għand l-iStones.

Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx. Fil-ġurisprudenza tagħna, il-Qrati dejjem imxew ma' l-aktar teorija stretta dwar is-serq – dik ta' Carrara lif il-qosor tgħid li biżżejjed li wieħed iċaqlaq lapis minn post għal ieħor ġewwa l-istess kamara biex ikun ikkommetta serq.

Dwar l-argument ta' l-abbli difensur li hawn si tratta ta' 'theft by finding' il-Professur Mamo fit-tieni Parti tan-Noti tiegħu paġina 278 jikkummenta hekk:

***'Now this contravention (that is 340(e) of the Criminal Code) applies when the failure to give information to the Police within the prescribed time is a mere omission, due to negligence. But when the finder appropriates the thing, even though within that time, he becomes guilty not of a contravention but of theft. The position, as was stated in Rex versus Gius Scicluna (Criminal Court 11th March 1943) is as follows: 'It is a settled principle of Maltese jurisprudence that a person who appropriates a thing which he has found in any place under such circumstances as show that it has an owner, commits theft.' This judgement cites Rex versus Bartolo (11/7/1855), Rex versus Leatham (1/07/41) and Rex versus Williams (04/11/41). The fact that the finder***

***conceals the thing or untruly denies having found it is evidence of the intention to appropriate it.'***

Dwar l-aħħar parti, skond l-evidenza li għandha quddiemha l-Qorti,l-imputat għall-ewwel lill-Pulizija qalilhom li l-kaxxa tas-sigaretti kienet tiegħu. (Ara l-istqarrija ta' l-imputat).

Dwar l-ammont ta' ħsara magħmula mill-konvenut u mhux minn min ħareġ il-kaxxa tas-sigareti mill-iStones jew mid-diriġenti tal-Kumpanija stess, huwa diffiċli li din tistabbiliha għalkemm mill-provi jidher li kien qed jipprova juża xi lieva. F'dan l-każ, il-Qorti qed tqis il-ħsara bħala l-aktar waħda baxxa skond l-artikolu 325(1)(d) li jintieġ il-kwerela skond l-istess proviso. Din il-kwerela ma tidhirx li saret u għalhekk l-akkuża (ċ) waqgħet.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 261 (b)(c)(f), 263. 267. 270, 278, 279, 334 u 325, issibu ħati taħt dawn l-artikoli barra 334 (li f'dan il-każ huwa alternattiva) u 325 (għar-raġunijiet diġa' esposti).

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkunsidra li kien hemm ammissjoni da parti ta' l-imputat wara li nstemgħu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni. M'hemmx dubju li dak li nsteraq jeċċedi l-elf lira Maltija u għlhekk ireġi l-artikolu 279. Minħabba l-ammissjoni ta' l-imputat u l-mod kif seħħew il-ġrajjiet , il-Qorti jidhrilha li għandha tikkundanna lill-imputat ftit anqas mill-minimum ikkontemplat fl-artikolu 279 (b) tal-Kap 9, jiġifieri għaxar xhur priġunerija.

**Ir-Reċidiva**

Il-Qorti Eżaminat is-sitt sentenzi ppreżentati minħabba r-reċidiva u rat sewwa dak li jgħid l-artikolu 50 tal-Kap 9. Għar-reċidiva jeżisti terminu ta' 10 snin jekk wieħed ikun ssentenzjat għal aktar minn ħames (5) snin. Hemm terminu ta' ħames snin fil-każi l-oħra kollha. M'hemmx reċidiva fil-każ ta' conditional discharge jew probation order.

Jekk wieħed jeskludi s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2001, l-oħrajn kollha ingħataw aktar minn ħames snin qabel u għalhekk qed jiġu esklużi għax ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma taqbeż il-ħames snin u għalhekk it-teminu ta' għaxar ssin ma jgħoddx waqt li t-terminu ta' ħames snin inqabeż meta l-imputat għamel ir-reat odjern. Għas-sentenza tas-16 ta' Marzu, 2001, għalkemm tidher fl-atti tal-proċess, ma saretx l-identifikazzjoni ta' l-imputat. Għalhekk it-talba għar-reċidiva qed tkun miċħuda[1] għax mhix applikabbli għall-ebda waħda mis-sentenzi.

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] L-identifikazzjoni saret għal sentenzi oħrajn.